



Brussell, is-7 ta' Lulju 2020  
REV2 – jissostitwixxi l-avviż (REV1)  
bid-data tat-8 ta' Frar 2018

### **AVVIŻ LILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI**

#### **IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-AĠENZIJI TAL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KREDITU**

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”.<sup>1</sup> Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>2</sup> jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa din id-data, id-dritt tal-UE fl-intier tiegħu japplika għar-Renju Unit u fiex.<sup>3</sup>

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida. Madankollu, ma hemmx ċertezza dwar jekk hux se jsir ftehim bħal dan li jidħol fis-seħħi fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li tkun differenti ferm mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern.<sup>4</sup>

Barra minn hekk, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni r-Renju Unit isir pajjiż terz firrigward tal-implementazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri tal-UE.

Għaldaqstant, il-partijiet ikkonċernati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar l-implikazzjonijiet legali applikabbli fuq l-attivitajiet tagħihhom wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

#### **Avviż lill-partijiet ikkonċernati:**

Fid-dawl ta' dan l-avviż, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jivvalutaw il-konsegwenzi wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, li jieħdu l-azzjoni adegwata, fosthom fejn ikunu meħtieġa jirreġistraw fl-UE u joħorġu klassifikazzjonijiet ta' kreditu fl-UE.

<sup>1</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż li muwiex membru tal-UE.

<sup>2</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 (“Il-Ftehim dwar il-Ħruġ”).

<sup>3</sup> Soġġett għal ċerti eċċeżżjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

<sup>4</sup> B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdix għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku.

### **Innota li: Dan l-avviż ma jindirizzax**

- ir-regoli tal-UE dwar il-kunflitt tal-liġijiet u tal-ġuriżdizzjonijiet (“kooperazzjoni ġudizzjarja kurrenti f’materji ċivili u kummercjal”);
- id-dritt tal-kumpaniji tal-UE;
- ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali.

Fir-rigward ta’ dawn l-aspetti qegħdin jitħejjew avviżi supplimentari filwaqt li oħrajn diġà ġew ippubblikati<sup>5</sup>.

Wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu (Credit Rating Agencies, CRAs) u b’mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggħadaw il-kreditu<sup>6</sup> (“ir-Regolament dwar is-CRA”) mhumiex se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit. Dan iwassal b’mod partikolari għall-konsegwenzi li ġejjin:

- **Tneħħija mir-reġistru:** B’konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, is-CRAs stabbiliti fl-UE jeħtieġ li jkunu reġistrati u sorveljati mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority, ESMA) sabiex il-klassifikazzjonijiet tagħhom jiġu rikonoxxuti għal finijiet regolatorji fl-UE. Billi wara tmiem it-tranżizzjoni s-CRAs stabbiliti fir-Renju Unit mhumiex se jibqgħu jitqiesu bħala stabbiliti fl-UE, l-ESMA jkollha tirtira r-reġistrazzjonijiet tagħhom b’effett minn wara l-perjodu ta’ tranżizzjoni, skont l-Artikoli 14 u 20 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.
- **L-użu ta’ klassifikazzjonijiet tal-kreditu għal finijiet regolatorji:** Bħala konsegwenza tat-neħħija mir-reġistru tas-CRAs stabbiliti fir-Renju Unit, l-istituzzjonijiet tal-kreditu, id-ditti tal-investiment, l-impriżi tal-assigurazzjoni, l-impriżi tar-riassigurazzjoni, l-istituzzjonijiet għall-provvista ta’ rtirar okkupazzjonali, il-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji ta’ investiment, il-manigħers ta’ fondi ta’ investiment alternattiv u l-kontropartijiet ċentrali fl-UE mhux se jkunu jistgħu jibqgħu jużaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa mis-CRAs stabbiliti fir-Renju Unit għal finijiet regolatorji tal-UE (pereżempju, Solvibbiltà II għall-impriżi tal-assigurazzjoni, ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta’ Kapital għall-istituzzjonijiet tal-kreditu).
- **Approvazzjoni:** Il-klassifikazzjonijiet maħruġa minn CRA stabbilita f’pajjiż terz, li tkun parti minn grupp li CRA stabbilita fl-UE u rreġistrata mal-ESMA tkun proprjetà tiegħu, tista’ tiġi “approvata” sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Approvazzjoni bħal din tassumi li t-twettiq tal-aktivitajiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu mis-CRA stabbilita f’dak il-pajjiż terz jissodisfaw ir-rekwiżiti li tal-anqas ikunu stretti daqs il-qafas spċificu tal-UE, li hemm raġuni oġġettiva biex il-

<sup>5</sup> [https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period\\_mt](https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_mt)

<sup>6</sup> ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.

klassifikazzjoni tar-riskju tiġi elaborata fil-pajjiż terz u li jkun hemm arranġament adegwat għall-kooperazzjoni bejn l-ESMA u l-awtorità superviżorja rilevanti tal-pajjiż terz ikkonċernat. Meta jiġu “approvati” b’dan il-mod, il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa minn CRA stabbilita f’pajjiż terz ikunu jistgħu jintużaw għal proċess regolatorji fl-UE.

- Prospett: B’konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, kull fejn il-prospett ikun jinkludi referenza għal klassifikazzjoni tal-kreditu jew klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa minn CRA stabbilita fir-Renju Unit, dan ikollu jinkludi informazzjoni ċara u prominenti li tiddikjara li dawn il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu ma jkunux inħarġu minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu stabbilita fl-UE u reġistrata skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

Għaldaqstant, wara tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa minn CRA stabbilita fir-Renju Unit ma jistgħux jintużaw fl-UE għal finijiet regolatorji, sakemm ma jkunx sar proċess ta’ valutazzjoni, kif inhu spjegat aktar ’il fuq, jew ir-Renju Unit ikun għie ddikjarat ekwivalenti fir-rigward tas-CRAs tagħha.

Il-proċess ta’ ekwivalenza jaħdem kif ġej: Skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tiddikjara pajjiż terz bħala ekwivalenti fir-rigward tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tal-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu tagħha<sup>7</sup>. Jekk il-Kummissjoni tiddikjara r-Renju Unit ekwivalenti, l-ESMA tkun tista’ tiċċertifika s-CRA, sakemm il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tagħha ma jkunux ta’ importanza sistemika għall-istabbiltà finanzjarja jew għall-integrità tas-swieq finanzjarji ta’ Stat Membru wieħed jew aktar<sup>8</sup>. Jekk ir-Renju Unit ikun għie ddikjarat ekwivalenti, il-klassifikazzjonijiet maħruġa mis-CRAs stabbiliti fir-Renju Unit ikunu għadhom jistgħu jintużaw għal finijiet regolatorji tl-UE.

Filwaqt li l-valutazzjoni tal-ekwivalenza tar-Renju Unit f’dan il-qasam għadha għaddejja, il-valutazzjoni għadha ma ġietx iffinalizzata.

Għaldaqstant, il-partijiet ikkonċernati kollha jridu jiġu informati u jkunu mħejjija għal xenarju fejn is-CRAs stabbiliti fir-Renju Unit ma jingħatawx l-ekwivalenza sal-1 ta’ Jannar 2021, u fejn ma jkun sar ebda proċess ta’ approvazzjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu fir-Renju Unit.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar ir-regolamentazzjoni tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ([https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/banking-and-finance/financial-supervision-and-risk-management/managing-risks-banks-and-financial-institutions/regulating-credit-rating-agencies\\_en](https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/banking-and-finance/financial-supervision-and-risk-management/managing-risks-banks-and-financial-institutions/regulating-credit-rating-agencies_en)) jagħti informazzjoni ġenerali dwar is-CRAs. Dawn il-paġni jiġu aġġornati b’aktar informazzjoni addizzjonali kull fejn meħtieġ.

<sup>7</sup> Ara l-Artikolu 5(6) tar-Regolament tas-CRA.

<sup>8</sup> Fil-15 ta’ Marzu 2019, l-ESMA ħarġet dikkarazzjoni pubblika dwar l-implikazzjonijiet tal-ħruġ tar-Renju Unit fuq l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu bbażati fir-Renju Unit [https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma33-5-735\\_public\\_statement.pdf](https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma33-5-735_public_statement.pdf).

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji, u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali